MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2001

Avvi$Z Numru. 591/2001/1

**Avviz Nru:-591/01 DM**

**Agnes Borg**
**vs**
**Mark Mallia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ tmien mija tnejn u hamsin liri Maltin u sitta u sebghin centezmi (Lm852.76) liema ammont hu dovut wara bejgh u konsenja ta’ merkanzija.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra datata 21 ta’ Mejju 2001 u mandat ta’ qbid numru 1317/2001 u bl-imghax legali sal-pagament effettiv, bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkonstesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lill-attrici u rat id-dokumenti kollha esebiti, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma mitluba ta' tmien mija tnejn u hamsin liri Maltin u sitta u sebghin centezmi (Lm852.76) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mit-22 ta' Frar tas-sena 2001;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------